MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru. 270/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Fabian Fleri**

**vs**

**Johnny “Gru” Sultana**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Johnny “Gru” Sultana ta’ 45 sena, iben Johnny u Frances nee’ Spiteri, mwieled Canada nhar it-28 ta’ Frar 1967 u residenti gewwa La Cicogna, Triq ta’ Viani, Rabat Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 507484(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Bejn l-24 ta’ Novembru 2010 u it-22 ta’ Dicembru 2010 gewwa Rahal Gdid u fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer,

xjentement xtara jew laqa' ghandu oggett misruq u cioe' senter tal-kacca tal-ghamla Browning bin-numru tas-serje 11945 li l-valur tieghu ma jeccedix il-2329.4 Euro (LM1000), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibiegh jew imexxih.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u cioe senter tal-kacca tal-ghamla Browning bin-numru tas-serje 11945 minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Marzu 2012 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-27 ta' Settembru 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-27 ta' Settembru 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li l-fedina penali hija relattivament netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 334 u 17 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 3 u 51(1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) imputazzjoni b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sitt(6) xhur millum u in kwantu jirrigwarda t-tieni(2) imputazzjoni tikkundannah multa ta’ hames mitt ewro (€500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------